MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2004

Appell Kriminali Numru. 216/2003

Onor. Dr. Alfred Sant
Vs
Joe Micallef

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala Editur tal-gurnal "In-Nazzjon" fil-harga ta' l-istess gurnal ta' nhar il-Erbgha 20 ta' Gunju, 2001, f'pagna hmistax, ippubblika karikatura bis-sottotitolu "Alfred Sant : Jien Biss …..Jien Biss….. Jien Biss….." li permezz taghha ta malafama lill-kwerelant u inoltre attribwielu fatti determinati bi skop li joffendi l-unur u l-fama tieghu w li esponieh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta' Novembru, 2003 li biha, wara li rat l-Artikoli 3 u 11 (a) tal-Kap. 248 sabet lill-kwerelat hati w ikkundannatu ghall-multa ta' mitt lira Maltija (LM100).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 ta' Novembru, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull htija w piena.

Fliet l-atti processwali ;

Rat illi l-aggravji tal-appellant , fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :-

1. li hija l-policy kostanti tal-gazzetta "In-Nazzjon" illi l-karikatura tkun abbinata ma w tirrifletti l-editorjal li jinsab magemb l-istess karikatura b'dan li l-karikatura w l-editorjal iridu jittiehdu fl-assjem taghhom . Il-qarrej ordinarju ser jara w jaqra l-gurnal u mhux semplicement jara l-viziv cioe' l-karikatura w ritratti . Illi l-Ewwel Qorti nizzlet il-livell tal-qarrej ordinarju w renndietu ekwivalenti ghal persuna illitterata li tara l-viziv u ma taqrax l-istampat u li m'ghandha ebda "degree of knowledge of current circumstances"
2. li fl-isfond tal-grajjiet li kienu graw fil-pajjiz l-interpretazzjoni moghtija mill-editur tal-passat germaniz u n-"nazzjonalizmu" tal-Germanja tfisser illi l-kwerelant kien qed jghajjar lill-politici Germanizi bhala Nazisti w mhux li l-kwerelant kien konness man-Nazizmu w ghalhekk l-interpretazzjoni tal-karikatura li saret mill-Ewwel Qorti hija inversjoni totali tac-cirkostanzi fil-pajjiz u kif spjegat b'mod car fl-editorjal.
3. Li l-emblema tan-Nazizmu tirraprezenta lill min qed jghajjar il-kwerelant u mhux lil kwerelant ghax min jikkalpesta xi haga qed jiddisprezza dik il-haga w li l-messagg kien invers ghal dak li waslet ghalih l-Ewwel Qorti .
4. li bil-mod kif l-Ewwel Qorti qalet li l-karikatura kienet libelluza ghax il-kwerelant kien gie mpingi qed jitmashan,

l-Ewwel Qoirti kienet qed tikkundanna kull karikatura u mhux din partikolari.
5. li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tinterpreta d-dell taht imnieher il-kwerelant "bhala l-mustacci ta' Hitler" .
6. li l-karikatura mhux libelluza w tammonta ghal "fair comment" dwar avveniment kurrenti li hu permissibbli f' pajjiz demokratiku.

Rat id-Digriet taghha tal-15 ta' Jannar, 2004 li bih ordnat l-alligazzjoni tal-atti tal-kawza civili dwar l-istess karikatura deciza mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri Civili) fl-10 ta' Jannar, 2003;

Semghet it-trattazzjoni fis-seduta tat-22 ta' Jannar, 2004;

Rat il-fedina penali aggornata tal-kwerelat;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi jrid jigi precizat li l-kwerela hija diretta specifikatament ghall-ingurja lamentata li tohrog mill-karikatura li tinsab fil-parti ta' fuq tal-pagna 15 tal-harga tal-gurnal "In-Nazzjon Taghna" tal-Erbgha, 20 ta' Gunju, 2001. Fl-istess pagna hemm editorjal bit-titolu "Sfida lill-MLP" u artikolu iehor mill-korrispondent Roderick Pace bir-ritratt zghir tal-awtur ta' dak l-artikolu "inset".

Illi l-appell tal-kwerelat jinneccessita rivizjoni tal-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti meta waslet ghall-konkluzzjoni ta' htija li waslet ghaliha fis-sentenza appellata. Dan ghaliex kif jghid il-GATLEY "On Libel and Slander" 97th. Edit . p.49 : "..*whether or not any imputation is defamatory is not a matter of law , but a matter of fact."* Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti

setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi "** [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**" [31.5.1991] ; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u ohrajn .

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar l-imputazzjoni dedotta kontra l-kwerelat appellant .

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu li l-Ewwel Qorti interpretat il-karikatura hazin ghax din trid tiftiehem flimkien mall-artikolu di fondo li hemm magembu fl-istess pagna tal-gurnal u ghaliex il-policy tal-gazzetta hija li l-karikatura dejjem tkun abbinata mat-tema tal-editorjal. Din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti , pero' ma taqbilx ma din is-sottomissjoni . Huwa "common knowledge" li il-qarrejja ta' kull gurnal jew rivista , anki dawk l-aktar assidwi , mhux necessarjament li jaqraw u jiflu kul punto w virgola tal-istampat . Ghal kuntrarju hemm hafna jekk mhux il-maggoranza tal-qarrejja li jaqraw biss dak li hu t' interess ghalihom u jiskartaw il-kumplament. Hemm minn jinteressawh l-ahbarijiet ta' barra w mhux daqshekk ahbarijiet lokali. Hemm minn jinteressawh biss il-"features" u ma jatix kaz l-ahbarijiet. Hemm min jinteressawh biss ir-rapporti tal-Qrati w min biss il-pagni sportivi, ecc. Ghalhekk hafna qarrejja ordinarji , anki fil-qari tal-gurnal preferit taghhom ta' kulljum , ikunu ferm eklettici w jissoffermaw ruhom biss fuq dak li hu ta' interess

ghalihom. Hemm min sahansitra qatt ma jaqra l-editorjal ghax isibu ezercizzju superfluwu , specjalment f ‘ gazzetti b’ bias qawwi politiku fejn dak li ser jintqal ikun dejjem prevedibbli, sterjotipat u ftit li xejn originali.

Ghalhekk ebda editur m’ghandu garanzija li l-qarrejja ordinarji ser jaqraw l-editorjal u li ser joqghodu jabbinawh mall-karikatura li tkun strampata akkanto . Lanqas ma ghandu garanzija li l-qarrejj ordinarju ikun fehem li l-karikatura necessarjament tirrifletti l-editorjal. Invece , anki l-qarrej li jisfolja bl-aktar mod legger u dizinteressat xi gurnal jew rivista, x’aktarx li mal-ewwel daqqa t’ghajn jinnota w jirregistra f’ mohhu l-viziv ghal dak li huma fotografiji , reklami illustrati u karikaturi .

Ghalhekk anki fl-aktar qarrejja assidwi w t’ intelligenza ordinarja hemm jew jista’ jkun hemm percentwali qawwi li jaraw il-viziv ghax dan jidher “a colpo d’occhio” u ma jaqrawx il-kitba . Ergo il-kontenut libelluz ta’ xi karikatura irid jigi ezaminat fuq il-merti tieghu biss u mhux b’rabta ma xi kitba ohra li jkun hemm fl-istess gurnal jew addirittura fuq l-istess faccata.

Issa mil-ezami tal-karikatura inkriminata w mit-test li hemm tahtha “Alfred Sant : Jien biss...Jien biss… Jien biss” jidher li din turi stampa stilizzata tal-kwerelant fuq tondatjura bajda li fuqha tispikka l-izvastika nazista w kombinata ma dan hemm dawk li jidhru mad-daqqa t’ ghajn li huma mustacci dojoq “tipo Hitler” taht l-imnieher . Imbaghad dan il-persunagg jidher qed jghid “Jien biss immexxi… Jien biss naf kollox… Jien biss ghandi ragun…” b’dak li gie impingi bhala speci ta’ dahna ta’ “steam” hiereg minn widnejh li wiehed jifhem juri stat ta’ rabja jew agitazzjoni.

Issa taraha kif taraha din il-karikatura ghal qarrej jew ahjar ghal min ihares lejha u jarha tindika xebh bejn l-atteggjament tal-kwerelant u dak tal-Fuhrer Germaniz Adolf Hitler f’poza fejn qed jindirizza xi udjenza kif solitu wiehed jara fil-filmati jew ritratti tal-istorja recenti tedeska w anki it-tlitt esklamazzjonijiet indikati fil-karikatura ifakkru

fil-famuza ghajtha nazista “Ein reich. Ein volk. Ein fuhrer.” Ossia fejn kollox idur u jiddependi fuq persuna wahda .

Kienet x’ kienet l-origini tal-mustacci fuq id-“drawing board” tal-karikaturista mhux importanti x’ fehem u lanqas x’ ried ifiehem b’mod kemmxejn paraboliku l-kwerelat , ghax l-effett nett tal-karikatura fuq min ihares lejha biss zgur hu dak fuq indikat . Dak li jghid il-**GATLEY (op. cit) :** *“The imputation conveyed is not to be determined by the meaning intended by the man who published the words “* izda “*by the meaning in which the ordinary reasonable man would understand them.*“ japplika kemm ghall-ingurja bil-kitba kif ukoll ghall-ingurja b’karikatura.

Ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi respint.

In vista ta’ dak li intqal hawn fuq it-tieni aggravju ukoll qed jigi respint , ghaliex jekk min ra l-karikatura inkriminata ma jistax jigi prezunt li kien ukoll qara l-articolo di fondo ta’ magembu u li fehem li l-karikatura kienet abbinata ma dak l-artikolu , inqas u inqas jista’ jigi prezunt li kien konsapevoli mit-retroxena u l-pubblikazzjoni precedenti li kien ghamel il-kwerelant f’ gurnal iehor. Mill-karikatura minn imkien ma tohrog xi rabta bejn il-kwerelant u l-politici germanizi u l-kwistjoni li hu kien qajjem f’ xi gurnal fir-rigward ta’ dawn tal-ahhar u l-qarrej ordinarju mhux dotat minn poteri ta’ induzzjoni biex ikun jista’ jaghmel dan .

Anki t-tielet aggravju bazat fuq is-sottomissjoni li l-karikatura turi lill-kwerelant jikkalpesta l-emblema nazista mhux fondat ghax dan xejn ma johrog car mill-viziv in kwistjoni. Ghalkemm hemm speci ta’ shaba taht kull zarbun tal-persunagg mhux car din x’ tirraprezenta ghal min jara l-karikatura u lanqas fuq bazi ta’ probbabilita’ ma jidher li dawn iz-zewg “shabiet” jirraprezentaw xi agir ta’ kalpestar. Dak li jidher mad-daqqa t’ghajn hu biss persunagg bil-wieqfa fuq speci ta’ podium bl-emblema nazista mpingija fuqu. Kien hemm zgur modi aktar cari w univoci kif il-karikaturista seta’ jesprimi l-idea ta’ ikkalpestar tal-izvastika , bhal per ezempju kieku il-persunagg gie impingi qed jaghti daqqa ta’ sieq lill-isvastika jew xi gest iehor simili .

Ir-raba aggravju hu bazat fuq il-fatt li l-Ewwel Qorti interpretat il-karikatura bhala li turi lill-kwerelant qed jitmashan u minn hekk iddeduciet li kienet intiza biex tirredikola l-kwerelant . Issa pero' fil-fehma ta' din il-Qorti , anki kieku l-Ewwel Qorti ma ghamletx dan l-apprezzament ta' fatt , xorta wahda mill-poza , mill-kliem li l-persunagg qed jghid , mill-izvastika w mill-mustacci , xorta johrog mad-daqqa' t'ghajn ix-xebh bejn il-kwerelant u Hitler u dan wahdu kien ikun bizzejjed biex jirrendi l-artikolu libelluz u ingurjuz , kif spjegat fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti .

Ghar-rigward tal-hames aggravju dan gja gie trattat aktar il-fuq in konnessjoni mall-ewwel aggravju. Pero' anki mill-ezami tal-karikaturi l-ohra esebiti, fil-waqt li jidher li dawn ghandhom forma ta' dell biex jindika l-ispazju bejn l-imnieher u fejn jiltaqghu ix-xufftejn , li hi espressjoni naturali tal-artist biex jindika dik il-parti tal-wicc u li b'ebda mod ma tixbah mustacci , fil-karikatura inkriminata dan mhux il-kaz u dak li jidher impingi mhux semplici dell imma mustacci a la Hitler . Ma tidher ebda gustifikazzjoni f' mohh din il-Qorti ghala kellu jsir dan jekk mhux biex ixebbah lill-kwerelant mall-figura ta' Hitler u hekk indubbjament jiftiehem minn kull min ihares anki b'daqqa t' ghajn lejn il-karikatura. Jekk il-kwerelant qatt ma lmenta minn karikaturi b'dell simili ghal dak indikat fil-karikaturi l-ohra li gew esebiti, dan gara ovvjament ghax dawn jindikaw dell naturali taht l-imnieher mentri l-karikatura inkriminata tindika mustacci haga li l-kwerelant m'ghandux izda Hitler kellu .

Illi finalment ghar-rigward tas-sitt u l-ahhar aggravju li l-karikatura tikkostitwixxi *"fair comment"* , din il-Qorti taghmel riferenza ampja ghall-gurisprudenza kopjuza citata mill-Qorti tal-Appell (Civili Inferjuri) fil-process fl-istess ismijiet deciz fl-10 ta' Jannar, 2003, li l-atti tieghu jinsabu alligati mall-atti ta' din il-kawza bi qbil bejn il-partijiet .

Din il-Qorti taqbel mall-Ewwel Qorti li l-kwerelant bil-karikatura inkriminata gie paragunat mall-persuna odjuza w notorja ta' Adolf Hitler . Issa kif gie ritenut fl-Appell

Kriminali : “**Il-Pulizija vs. Rocco Abdilla et”** [28.4.1962] “*Appena hemm bzonn jigi rilevat li l-paragun ta’ persuna ma’ “any odious , disreputable or contemptible person “ hu libelluz. Hekk il-kazistika gudizzjarja toffri l-ezempju ta’ paraguni libelluzi ma Guda, Shylock etc. (Gatley p. 32 Folkard “The Law of Slander and Libel” p. 165.) F’kazijiet simili ma hemmx bzonn li jigi pruvat ebda ‘innuendo’*.”

U ghalkemm it-tendenza fil-gurisprudenza aktar recenti hi li ghandu jkun hemm “*a higher degree of tolerance to criticism*” u li *“the limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician than as regards a private individua*l” (Ara**.” Vincent Borg vs. Victor Camilleri et**” (App. Civili. 8.11.1994) u **“Perit Duminku Mintoff vs. Dr. J. Brincat et”** [8.1.2001] ) , kif irriteniet il-Qorti tal-Appell (Civili Inferjuri) fir-rigward tal-istess karikatura *: “ Minn-natura taghha il-karikatura twaqqa d-difiza tal-kritika gusta . Bizzejjed wiehed jaghti titwila anki superficjali lejn il-karikatura jew cartoon biex jikkonkludi li din ma hix , kif ta “ad intendere” il-konvenut (kwerelat appellant odjern) illi kienet semplicement qed tirraprezenta r-rabja tal-attur fil-konfront tan-Nazisti , konsidrata fil-kuntest tal-editorjal . L-implikazzjonijiet taghha bl-abbinament mall-figura ta’ Hitler jaghmlu mill-karikatura l-offiza lill-attur (il-kwerelant appellat odjern) Il-messagg mhux ekwivoku li jista’ jinghid li jiftiehem mod iehor . “Dan kollu jfisser li dik il-karikatura… hi prova ta’ dik l-“ill will” jew “animosity” li teskludi id-difiza tal-kritika gusta.” (“**Il-Pulizija vs. Joseph Micallef Stafrace**” (app. Krim. [8.1.1959])*

Ghalhekk anki dan l-ahhar aggravju qed jigi respint.

Illi ma hemm ebda aggravju dwar il-piena .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------